MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tat-3 ta' Ottubru, 2007

Appell Civili Numru. 4/2007

**Martin Borg**

**vs**

**Neville Schembri**

**Il-Qorti,**

Fid-29 ta' Frar, 2007, l-Arbitru fic-Centru Malti ta' l-Arbitragg ippronunzja s-segwenti decizjoni fl-ismijiet premessi:-

"I. PRELIMINARI

A. AVVIZ TA' ARBITRAGG

L-attur premess illi kien hemm incident tat-traffiku li sehh fid-29 ta' Dicembru, 2002, bejn il-vetturi FBY-778 tar-rikorrent u l-vettura EAX-702 ta' l-

intimat, liema incident sehh unikament tort ta’ l-intimat li hareg fuq l-inkrocju bejn Triq Sarria u Triq l-Assedju l-Kbir, il-Furjana, minghajr ma ha d-dovuti prekawzjonijiet u rizultat ta' dan ir-rikorrent sofra diversi Danni kif jidher mid-dokumenti esebiti Dok. P, A sa E u Dok.F;

i. Talab: illi l-intimat jigi dikjarat responsabbli ghall-incident stradali tad-29 ta' Dicembru, 2002 bejn il-vetturi FBY-778 misjuqa mir-rikorrent u l-EAX-702 misjuqa mill-intimat.

ii. Illi l-intimat jigi kkundannat li jhallas in linea ta' Danni l-ammont ta' elfejn tliet mija u seba' liri maltin u sebghin centezmu (Lm2307.70) lir-rikorrent. Bl-imghax u bl-ispejjez komprizi dawk ta’ l-ittra ufficjali tat-28 ta' Settembru, 2004 u dik datata 22 ta' Dicembru, 2004 ai termini tal-Kap.104 tal-Ligijiet ta' Malta.

B. NOMINA

Skond il-verbal tas-6 ta' Jannar, 2005 maghmul gewwa c-Centru ta' l-Arbitragg il-partijiet qablu li jigi nominat is-sottoskritt bhala arbitru fit-termini tal-Ligi sabiex jiddetermina il-kwistjoni ta' bejniethom u s-sottoskritt accetta l-inkarigu lilu moghti.

C. RISPOSTA

Ra r-risposta ta’ l-intimat fejn intqal illi l-incident tat-traffiku li sehh fid-29 ta' Dicembru, 2002, bejn il-vetturi FBY-778 tar-rikorrent u l-vettura EAX-702 ta’ l-intimat, sehh unikament tort tar-rikorrent li hareg fuq l-inkrocju bejn Triq Sarria u Triq l-Assedju l-Kbir, il-Furjana, minghajr ma ha d-dovuti prekawzjonijiet, b' dan illi l-konvenut safa fil-periklu tal-mewt.

Illi l-incident de quo sehh biss minhabba traskuragni, imperizja, jew nuqqas ta' osservanza

tar-regolamenti tat-traffiku da parti tar-rikorrent, u ghalhekk l-intimat m' ghandux jahti ghad-danni allegatament sofferti.

Minghajr pregudizzju ghad-dritt ta' kontro-talba, intalbet dikjarazzjoni li l-konvenut ma kienx jahti b'ebda mod ghall-incident de quo li sehh minhabba tort imputabbli biss lir-rikorrent, bl-ispejjez.

D. KONTRO-TALBA

Il-konvenut ipprezenta kontro-talba fejn ippremetta illi l-incident tat-traffiku tad-29 ta’ Dicembru, 2002, bejn il-vetturi FBY-778 tar-rikorrent u l-vettura EAX-702 ta’ l-intimat, liema incident sehh unikament tort tar-rikorrent rikonvenjenti li hareg fuq l-inkrocju bejn Triq Sarria u Triq l-Assedju l-Kbir, il-Furjana, minghajr ma ha d-dovuti prekawzjonijiet, b' dan illi l-intimat safa fil-periklu tal-mewt.

Intalbet dikjarazzjoni li r-rikorrent rikonvenjenti huwa responsabbli ghall-incident stradali tad-29 ta' Dicembru, 2002 bejn il-vetturi msemmija; u li r-rikorrent jigi kkundannat biex ihallas in linea ta' Danni l-ammont ta' tlett elef tliet mija u disgha u erbghin lira maltija u wiehed u disghin centezmu (Lm3349.91) lill-intimat. Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tas-16 ta’ Dicembru, 2004 u bl-imghax.

E. RISPOSTA GHALL KONTRO-TALBA

Illi saret risposta ghall kontro-talba fejn intqal illi l-incident tat-traffiku mertu ta' dawn il-proceduri sehh unikament tort ta' Neville Schembri minhabba negligenza u imperizja fis-sewqan tieghu. Ghalhekk il-pretensjonijiet tieghu ghandhom jigu respinti bl-ispejjez.

II. SEDUTI

Saru s-segwenti seduti mill-arbitru li fihom instemghu s-segwenti xhieda:

28 ta' Frar, 2005: xehed Martin Borg
15 ta' Marzu, 2005: xehed: PS928 Ramon Mifsud Grech
12 ta' April, 2005: xehed: Mario Mallia; Victor Spiteri
11 ta' Mejju, 2005: xehed: James Mercieca, Martin Borg, Neville Schembri
6 ta' Lulju, 2005: Victor Tonna
22 ta' Lulju, 2005: John Lentini
16 ta' Jannar, 2006: Josefa Mercieca
13 ta' Frar, 2006: Neville Schembri

Id-difensuri tal-partijiet ittrattaw il-kaz.

III. DOKUMENTI

Gew esibiti s-segwenti dokumenti:

Dok P: Prospett ta' danni;
Dok A sa D: ricevuti tad-danni;
Dok.E: Telf ta' xoghol;
Dok F: Survey;
Dok NS1 sa NS19: Ricevuti;
DokX u X1: Survey;
Dok F1 sa F8: Ritratti Vat Receipt;
Dok Y: Employment sheet;
Dok Z1 sa Z23: Medical certificates;
Dok DG1 sa DG3: Survey;
Dok JL1: Policy;
Dok YMS: emoluments;
Dok YMS 1: Sketch;
Dok M1 sa M4: Ritratti;
Dok ZM14: Receipt;
Dok MG1: Road accident report;
Dok. MG2: Sketch.

IV. KUNSIDERAZZJONI

1. Il-kaz jirrigwarda incident awtomobilistiku li sehh fid-29 ta' Dicembru, 2002 fis-3:00 p.m. bejn il-vettura xarabank numru ta' registrazzjoni FBY-778 misjuqa minn Martin Borg, u l-vettura Peugeot 106 numru ta' registrazzjoni EAX-702 misjuqa mill-intimat Neville Schembri. L-incident sehh f' inkrocju bejn Triq L-Assedju l-Kbir u Triq Sarrija, il-Furjana.

2. Ix-xarabank kien gej minn Triq Sarrija miexi fid-direzzjoni tal-Belt, filwaqt li l-vettura Peugeot kienet gejja minn Triq L-Assedju l-Kbir mid-direzzjoni tal-Phoenicia Hotel.

3. Ir-rikorrent jghid li kien waqaf fuq il-Bus Stop faccata tal-Fosos, cioe' l-ahhar Bus Stop qabel it-Terminus, u hemmhekk nizzel xi nies. Meta wasal f' salib it-toroq, rega' waqaf, hares fuq il-lemin u fuq ix-xellug, u ma kien gej xejn u hareg. Jghid li fid-daqqa u l-hin, tela' l-konvenut mid-direzzjoni tal-Phoenicia, cioe' minn fuq ix-xellug tieghi, u dana gie b' velocita` qawwija. Jghid li biz-zlieq fuq iz-zebgha ta' ma' l-art xarabank tiskiddja aktar.

4. Ir-rikorrent jispjega wkoll li sakemm hareg ma' kien gej hadd, u qala' second u mbaghad third u hareg minghajr xi velocita' partikolari. Jghid li meta sehhet il-kollizzjoni hu kien qabez nofs it-triq, pero' peress illi kien hemm iz-zlieq ma' waqafx f' daqqa, ghalkemm zamm brake qabel il-habta peress illi kif hareg ezatt, ra lill-intimat gej. Qabel il-habta ma' kienx rah. Huwa fil-fatt jghid li l-brake hasdu wahda sew. Ix-xhud jispjega li meta hareg minn fuq l-istop sign, immarkah gej minn isfel, u rah baqa' gej.

5. Borg jispjega li d-daqqa hadha fuq quddiem. Jispjega li kellu daqqa fuq il-lemin u ohra fuq ix-xellug peress illi l-intimat laqtu fuq quddiem fuq ix-xellug, u dar mieghu ghal fuq il-lemin. Jghid li spicca kif muri fid-Dok M3, filwaqt li l-intimat spicca fuq il-bankina.

6. Ir-rikorrent jghid li kien hemm tfajla fil-vettura ma’ l-intimat, u wara l-incident din bdiet tghidlu: "Neville, Neville, ghidtlek biex tieqaf jiena, ghax gejja il-Bus."

7. Mario Mallia li kien qed isuq wara r-rikorrent jikkonferma li dan waqaf fuq l-istop sign, qala' u giet karozza min-naha tal-Phoenicia, minn isfel u sehhet il-kollizjoni. Jghid li lill-intimat ma rah wieqaf f' ebda hin. Pero' jghid ukoll li lill-intimat ma setax jarah hiereg minn fuq l-istop sign ghaliex ghadda sparat, pero' rah gej sparat. Jiddesriviha li kienet: "ghaddejja qiesa ziffa rih". Jikkonferma li hu u r-rikorrent ma kienux ghaddejjin b'velocita`. Mallia jispjega li seta’ jara peress li kien fl-gholi.

8. L-intimat xehed li hu kien tiela' mit-telgha tal-Phoenicia, u mieghu kien hemm passiggier Josefa Mercieca. L-intimat minhabba d-daqqa ma setghax jiftakar dwar l-incident li sehh.

9. L-intimat xehed ukoll li kien tiela' t-telgha b' cirka 20 kilometru fis-siegha. Jghid li jiftakar huwa biss illi l-passiggiera li kellu mieghu qaltlu: *'Oh, My God!'* u daqshekk, sehhet il-kollissjoni.

10. Josefa Mercieca li kienet passiggiera ma’ l-intimat tispjega li wara li hargu mill-parking area ta' hdejn il-Phoenicia Hotel, u ma tahsibx li l-intimat kien qed isuq hafna. Mistoqsija x' ghamel l-intimat waqt li qed isuq, ghal bidu ma ftakritx jekk waqafx jew le fuq l-istop sign, pero wara qalet li tahseb li waqaf fuq il-linja l-bajda, u sussegwentement qalet li kien waqaf. Fl-opinjoni ta’ l-Arbitru il-bdil fil-versjoni tax-xhud ma jaghtix wisq affidabilita. Tghid ukoll li x-xarabank lemhitu ezatt qabel il-habta.

11. Tenut kont ta' dak li ntqal jirrizulta li r-rikorrent kien tassew waqaf fuq l-istop sign u beda jsuq fil-fetha li taghti ghat-triq li twassal ghall-bus

terminus. Id-Dok. YMS1, juri l-"give way" sign li kellu l-intimat. Mill-isketch jirrizulta li x-xarabank kien gja telaq minn fuq s-“stop sign” u kien wasal biex jghaddi dik il-bicca li minnha ghadda l-intimat, Mill-brake marks jirrizulta li dak il-hin induna bih, u ghalhekk zamm brake. Jirrizulta li hemmhekk hemm il-kaxex sofor taz-zebgha u dawn setghu ikkontribwew xi ftit biex ix-xarabank ma tieqafx qabel.

12. L-arbitru qed iqis id-distanzi li mxew il-vetturi. Tenut kont li x-xarabank kien gja zamm brake meta kien circa tmien metri l-boghod mill-intimat, jigi li ta' bilfors l-intimat baqa' hiereg noncuranti tax-xarabank li kienet gejja, ghaliex mill-give way sign sa fejn sehhet il-kollizzjoni l-intimat lahaq mexa bicca sew. Dan kollu huwa indikattiv li l-istess intimat kien ghaddej b' certa velocita` u deherlu li setgha jghaddi qabel ma tasal ix-xarabank. L-intimat ha dan ir-riskju, u fil-fatt sehhet il-kollizzjoni. Ir-ritratti Dok F1 sa F8 u Dok. M1 sa M4 jixdhu l-fatt li x-xarabank laqtet lill-vettura ta’ l-intimat bil-quddiem kollu taghha fuq il-genb kollu tal-lemin tal-Peugeot. Bl-impatt il-vettura ta’ l-intimat spiccat fuq il-bankina.

13. Dwar l-impatt wiehed ma jistax ma jinnutax li l-impatt kien kbir u dana mhux ghax ix-xarabank kien ghaddej b' xi velocita` izda minhabba in-natura tal-vetturi involuti fil-kollizzjoni. Il-velocita ta’ l-imputat ikkontribwiet biex spicca fejn spicca, ghax li kieku kien wieqaf ix-xarabank kienet tkaxkru fid-dritt.

14. L-intimat kellu obbligu li jaghti d-dritta lix-xarabank li kien gja telaq minn fuq l-istop sign u qabad dik it-triq. Il-ligi fir-rigward hija cara, u min ikun qed jintenta li jaqsam f’ inkrocju ghandu jassigura li jista’ jaghmel dan minghajr perikolu ghat-traffiku li jkun gja ghaddej.

Apparti minn dan jirrizulta wkoll li kien hemm nuqqas ta' diligenza fis-sewqan da parti ta’ l-intimat illi tenut kont tal-lokal kien ghaddej b' velocita' eccessiva. Tenut kont ta' dak li ntqal is-sottoskritt huwa tal-fehma li t-tort ghall-incident kien unikament imputabbli lill-intimat.

15. Id-danni jirrizultaw pruvati sija mix-xhieda mismugha kif ukoll mid-diversi dokumenti annessi u li sommarju taghhom jinsab fid-Dok. P, u dana fis-somma ta' elfejn tliet mija u seba' liri Maltin u sebghin centezmu (Lm2307.70).

16. Dwar il-kontro-talba ta’ l-intimat, tenut kont li responsabbli ghall-incident kien unikament l-istess intimat, ma hemmx lok li din tigi milqugha.

V. <u>KONKLUZJONI</u>

Ghaldaqstant, tenut kont ta' dak kollu li ntqal l-arbitru sottoskritt qed jikkonkludi li din il-kollizzjoni grat bi htija unikament tas-sewwieq intimat Neville Schembri, u konsegwentement filwaqt illi jichad il-kontro-talba qed jilqa’ t-talba tar-rikorrenti u jikkundanna lill-istess intimat Neville Schembri ihallas lir-rikorrent danni fis-somma ta' elfejn tliet mija u seba' liri Maltin u sebghin centezmu (Lm2307.70) bl-imghaxijiet legali mit-28 ta' Settembru, 2004.

L-ispejjez tat-talba, komprizi dawk ta’ l-ittra ufficjali tat-28 ta' Settembru, 2004 u dik datata 22 ta' Dicembru, 2004 ai termini tal-Kap.104 tal-Ligijiet ta' Malta, kif ukoll l-ispejjez tal-kontro-talba, ghandhom jigu sopportati interament mill-intimat.”

Kontra din is-sentenza r-rikorrenti Neville Schembri jiddenunzja bl-appell tieghu illi t-Tribunal ta’ l-Arbitragg imwaqqaf taht il-Kapitolu 387 tal-ligijiet applika hazin id-disposizzjonijiet ta’ l-Artikoli 1031 *et sequitur* tal-Kodici

Civili u dawk tar-regolamenti tat-traffiku ghal mertu kontrovertit ta' l-incident;

Fit-twegiba tieghu ghall-appell interpost l-appellat Martin Borg javvanza bi preliminari l-pregudizzjali ta' l-inammissibilita` ta' l-appell ghax dan, fil-fehma tieghu, ma kienx jikkontjeni dak il-"punt ta' ligi" ghal-liema jirreferi l-Artikolu 70A tal-Kapitolu imsemmi. Biex isahhah din il-fehma tieghu li l-appell ma huwiex ritwali jirrikjama l-attenzjoni ghad-dispost ta' l-Artikolu 70B u jissosttometti illi l-appellanti naqas li jispecifika t-tifsira korretta tal-punt ta' ligi identifikat minnu;

Huwa wisq logiku illi din il-Qorti, investita bil-gravam u bit-twegiba ghalih, trid tezamina jekk il-kontestazzjoni formulata mill-appellanti tikkorrispondix ghal kaz ta' impunjattiva tad-decizjoni arbitrali in bazi ghall-"punt ta' ligi". Dejjem tajjeb, pero`, li wiehed ifakkar mill-bidunett illi f' kaz li jirrizulta li l-punt ta' ligi li fuqu sar l-appell ikun infondat, allura din il-Qorti ta' revizjoni, skond gurisprudenza affermata fuq ligijiet ohra li, bhal dik ta' l-Att II ta' l-1996 (Kapitolu 387) jaghtu dritt ta' appell fuq punt ta' ligi biss, ma tidholx biex tezamina l-fatti. Ara **Kollez. Vol. XLI P I p 399**;

Dan premess, jirrizulta mir-rikors ta' l-appell illi l-lanjanzi ta' l-appellanti jikkonsistu koncizament f' dan li jsegwi:-

(i) It-Tribunal ta' l-Arbitragg naqas milli jikkonsidra l-kontradizzjoni evidenti bejn id-dikjarazzjoni li l-appellat ghamel *a tempo debito* wara l-iskontru, kif din tohrog mill-Road Accident Report, u t-testimonjanza ta' l-istess appellat quddiem it-Tribunal. Biex jillustra dan, jissosttometti li l-appellat ma kien konsistenti xejn fix-xhieda tieghu meta spjega x' ghamel ezattament meta wasal fuq l-i*stop sign*;

(ii) L-analisi ta' l-iskizz, it-tul tal-*brake marks*, ic-cirkustanzi konkomitanti bhal qawwa ta' l-impatt, l-

istqarrija li l-*brake* kien hasdu sew, huma indikattivi ta' negligenza, non-kuranza u non-osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti ta' l-appellat;

(iii) Hemm imbaghad, skond l-appellanti, l-apprezzament errat dwar il-kwantum tad-danni. Taht dan il-kap huwa jikkontesta l-provi li jaghmlu r-ricevuti esebiti mill-appellat, l-eccess tal-percentwali differenza fil-VAT, u n-nuqqas ta' sottoskrizzjoni tad-dokument tat-telf ta' xoghol;

Hu fuq dawn l-obbjezzjonijiet li l-appellanti jimpernja l-"punt ta' ligi" li hu jsostni li gie vjolat mit-Tribunal;

Jibda biex jigi osservat illi l-ammissibilita` ta' l-appell, u allura tad-denunzja tas-sentenza appellata, tippostula l-allegazzjoni esplicita ta' l-erronjeta tal-kanoni tad-dritt applikati ghall-elementi probatorji accertati, u mhux ukoll, in kwantu proponibbli mid-deduzzjoni ta' l-appellanti ta' lakuni ta' stharrig ta' certi provi mit-Tribunal. Jekk hemm bzonn jigi ripetut, biex din il-Qorti tkun akkonsentita sindakabilita` fuq il-mertu jew ta' l-izbalji, jew nuqqasijiet u l-apprezzament tal-provi, hu mpellenti li, qabel xejn, l-appellanti jissodisfa lill-Qorti li ghandu "punt ta' ligi" u li t-tifsira korretta tieghu hi dik impostata minnu. Kif drabi ohra ntqal, jigu ri-ezaminati dawn il-fatti ghad-definizzjoni tal-kawza bhala konsegwenza ta' l-ezistenza tal-punt ta' ligi. Ara **Kollez. Vol. XXXVII P I p 383**;

Kif inhu sew risaput anke fil-kazijiet ordinarji fejn appell hu ammess kemm fuq punt ta' dritt kif ukoll fuq punt ta' fatt, il-valutazzjoni tar-rizultanzi probatorji tirrientra fil-kompitu istituzzjonali ta' kull qorti, tribunal jew arbitru adit fil-mertu. Il-gudikant jew arbitru lanqas ma hu tenut li joqghod jaghti rendikont ta' xi evalwazzjoni analitika tar-rizultanzi kollha processwali jew ta' kull ragonament prospettat mill-partijiet imma bizzejjed li jindika dawk l-elementi li fuqhom jibbaza r-*ratio decidendi* tieghu. Dak li hu aspettat minnu hu illi l-

valutazzjoni ta’ l-elementi varji akkwiziti jigu konsiderati fil-kumpless;

Ipprecizat dan, hi l-fehma ponderata ta’ din il-Qorti illi, aktar minn xi applikazzjoni zbaljata tal-ligi, l-appellanti, fil-konkret, jilmenta minn valutazzjoni errata tar-rizultanzi istruttorji maghmula mit-Tribunal. Hu, difatti, jippretendi li fuq il-bazi tal-provi, x’ aktarx parzjali, kif esposti minnu, il-gudizzju tat-Tribunal ghandu jigi sostitwit b’ dik tar-ri-elaborazzjoni personali tieghu tal-materjal probatorju;

Huwa veru li hu rrikjama l-applikabilita` ta’ l-Artikoli 1031 sa 1033 tal-Kodici Civili ghall-kaz. Dan jaghmlu pero` b’ mod generiku biex isostni l-punt illi mill-apprezzament tal-provi prodotti u tal-fatti t-Tribunal ma messux sabu responsabbli ghas-sinistru. Minn imkien, izda, fir-rikors ta’ l-appell tieghu, ma jipprovdi bazi jew raguni guridika fejn it-Tribunal iddiskosta ruhu mill-predetti provvedimenti tal-ligi jew f’ hiex tikkonsisti l-vjolazzjoni tan-norma tad-dritt sostanzjali ghall-fattispeci. Sempliciment jinqeda bihom bhala pretest biex jintroduci “punt ta’ ligi” fejn dan ma jezistix. Dan anke fil-kaz tac-censura li biha jillamenta l-livell tal-kwantum tad-danni. Effettivament, l-appell tieghu hu sajjem ghal kollox minn kull tentattiv ta’ dibattitu u tat-tifsira tal-punt ta’ ligi, kif hekk tassattivament rikjest mill-Artikolu 70B, subinciz 1, ta’ l-Att. Fic-cirkustanzi, din il-Qorti ma tarax kif wiehed jista’ jikkwalifika bhala “punt ta’ ligi” l-mod kif it-Tribunal ghamel l-ezercizzju valutattiv tal-provi u ghal liema huwa llimita ruhu. Certament, mhux bizzejjed ghall-ammissibilita` ta’ l-appell is-semplici kritika ta’ l-aspetti fattwali tal-kaz.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti tiddeciedi billi tilqa’ l-eccezzjoni ta’ l-inammissibilita` ta’ l-appell sottomessa mill-appellat u b’ hekk tikkonsidra l-istess appell bhala irritu u null, bl-ispejjez jitbatew mill-appellanti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------